GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Index No: ___________________**

---

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Uffiċjal Korrettiv mal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi

## KARTA MUDELL 2024

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet; Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fl-ispazju pprovdut fuq il-karta tal-eżami.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari**

**Taħriġ 1: Il-Muntanja Etna** **(20 marka)**

L-Etna hija muntanja u vulkan fi Sqallija, l-Italja, b'quċċata għolja 3,604 metru. Il-vulkan żbroffa bil-qawwi kemm-il darba b'periklu għall-eqreb belt kbira li hija Katanja. Dan il-vulkan xi drabi jidher minn Malta wkoll f'jiem ta' bnazzi. Huwa wieħed mill-aktar vulkani attivi tad-dinja.

L-ewwel żbroff tal-Etna nsibuh irreġistrat li seħħ fis-seklu 18 Q.K. Madankollu, studji ġeoloġiċi (tal-blat) juru li l-vulkan kien attiv qabel dak il-perjodu. Minn dak iż-żmien 'l hawn, nafu li żbroffa 90 darba u l-iktar żbroff qerriedi kien dak tal-1169. Dan l-iżbroff qered kważi għal kollox il-belt ta' Katanja u qatel madwar 15,000 ruħ. Żbroff ieħor qerriedi seħħ fl-1669 fejn mietu mal-20,000 ruħ.

Aktar reċenti, fl-1928, żewġt irħula ntradmu kważi għalkollox minn xmara ta' lava, u fl-1947, frott l-attività vulkanika, iffurmaw żewġ krateri ġodda. Il-Vulkan Etna żbroffa wkoll fl-1971, fl-1981, fl-1983 u fl-1992, meta l-lava ġiet ikkontrollata permezz ta' splussiv immonitorjat. Fl-2001 seħħ numru ta' ċaqliq, li laħaq il-qofol tiegħu f'Lulju u fl-ewwel nofs ta' Awwissu meta xmajjar ħomor nar gelglu lejn il-belt ta' Nicolosi. B'dawn l-eruzzjonijiet infetħu sitt xpakkaturi li bidlu l-għamla ta' dan il-vulkan. Żbroff ieħor aktar riċenti għal żmienna kien dak irreġistrat f'April 2013, li wassal biex partijiet fin-Nofsinhar ta' Malta ġew affettwati bi trab iswed.

Il-Vulkan Etna ġie ddikjarat bħala Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO fl-2013. Il-valur universali tas-sit ġie rrikonoxxut bħala "*eżempju straordinarju li jirrappreżenta stadji importanti tal-istorja tad-dinja, inklużi l-mogħdijiet tal-ħajja u l-proċessi ġeoloġiċi kontinwi sinifikanti fl-iżvilupp tat-tipi differenti ta' art...*".

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Fejn jinsab il-Vulkan Etna? (marka)

___________________________________________

2. Għaliex Katanja tinsab fil-periklu aktar minn bliet oħra? (marka)

___________________________________________

___________________________________________

3. Xi tfisser il-frażi li l-Etna huwa 'vulkan attiv'? (2 marki)

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

4. Agħżel it-tweġiba t-tajba minn dawn:

i) Fis-seklu 18 insibu

a) l-ewwel darba li jissemma li żbroffa l-Etna

b) l-akbar żbroff qawwi tal-Etna

ċ) l-ewwel darba li raw dan il-vulkan minn Malta. (marka)

ii) In-numru 90 imsemmi fis-silta jirreferi għal
   a) kemm inqerdu bliet fl-ewwel żbroff tal-Etna
   b) kemm mietu nies fl-iżbroff tal-1669
   ċ) kemm il-darba żbroffa l-vulkan mill-qedem sal-lum. (marka)

5. Imla l-vojt tat-tabella li ġejja b'informazzjoni li ssib mis-silta skont l-eżempju. (6 marki)

| | | **L-informazzjoni fis-silta marbuta man-numru.** |
|---|---|---|
| **Eżempju** | 3604 metri | Il-metri kemm hi għolja l-quċċata tal-Etna. |
| 1 | Is-sena 1169 | |
| 2 | 20,000 ruħ | |
| 3 | April 2013 | |

5. Kompli dawn is-sentenzi billi tagħti t-tweġiba **fi kliemek** mis-silta li qrajt:

i) Fl-1928 wara żbroff tal-Etna, żewġ irħula ________________________________________

________________________________________________________________________ (marka)

ii) Il-frażi 'iċ-ċaqliq laħaq il-qofol tiegħu f'Lulju' tfisser______________________________

________________________________________________________________________(marka)

iii) Fi żbroff aktar riċenti, Malta sofriet ________________________________________

________________________________________________________________________ (marka)

7. Ikteb fi kliemek **f'madwar 40 kelma** għaliex il-Unesco għażlet dan il-Vulkan bħala wirt dinji ta' importanza. (5 marki)

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**Taħriġ 2: L-Għar tat-Teżor** **(30 marka)**

Ġurnata waħda sabiħa fis-sajf, tlett iħbieb, Luca, Maya, u Daniel, iddeċidew li jagħmlu avventura fil-foresta qrib ir-raħal tagħhom. Ħejjew il-basktijiet tagħhom u ħarġu minn kmieni filgħodu, eċitati għal dak li kien jistenniehom.

Hekk kif daħlu fil-foresta, bdew jaraw il-ġmiel tal-pjanti u s-siġar għoljin, u jismgħu l-għana tal-għasafar. Huma baqgħu deħlin aktar 'il ġewwa fil-foresta, ifittxu xi post ġdid u misterjuż li qatt ħadd ma mar fih. Wara sigħat ta' mixi, sabu ruħhom ħdejn xmara żgħira. Iddeċidew li jieqfu hemm għal ftit biex jistrieħu u jieklu xi ħaġa. Maya rat xi fjuri sbieħ ħdejn ix-xmara u marret taqta' ftit minnhom. Waqt li kienu qed jistrieħu, semgħu ħoss mhux tas-soltu ġej minn għar fil-qrib. Daniel, kurjuż ħafna, iddeċieda li jmur jara x'inhu jiġri. Luca u Maya segwewh b'xi ftit tal-biża' fuqhom. Meta waslu fil-post, sabu daħla kbira moħbija mill-għajn b'xi arbuxelli.

It-tlett iħbieb iddeċidew li jidħlu fil-għar, u bl-għajnuna tat-torċijiet tagħhom, bdew jesploraw ġewwa. Ma damux ma sabu xi kitbiet u taħżiżiet antiki fuq il-ħitan, li kienu jidhru qishom messaġġi mill-passat. Mill-ewwel ħarġu l-mobiles u ġibdu filmati u ritratti tagħhom biex ikunulhom tifkira ta' dak il-post misterjuż.

Fil-fond tal-għar, f'rokna mwarrba lemħu kaxxa msadda tal-ħadid. Kurjużi fetħuha bil-mod u bi tbatija. Oħroġ il-għaġeb xħin ittawlu fiha, sabuha mimlija muniti u ġojjelli! Baqgħu skantati u ċċassati jħarsu lejha. Wara ħafna, bdew jaħsbu kif jistgħu jtellgħu dan it-teżor minn hemm. Iżda, meta kienu qed jippreparaw biex jieħdu xi ħaġa mill-kaxxa, semgħu ħoss ta' passi tqal u goffi resqin lejhom. L-art bdiet titbandal taħthom u riħa tinten seba' pesti mliet l-arja tant li bdew iħossu nifishom jinqata'. Luca, Maya, u Daniel ma ħasbuhiex darbtejn: ħarsu mwerwra lejn xulxin u bla ma lissnu kelma waħda, ħarbu bilġri mill-grotta, bla ma laħqu missew xejn mit-teżor.

Għalkemm ma kellhomx il-ġojjelli, l-avventura kienet biżżejjed biex tagħmilhom aktar kurjużi. Min jaf x'kien hemm aktar f'dak il-għar? Tgħid jerġgħu jittantaw xortihom u jmorru forsi jmisshom xi ħaġa minn dak il-ġid kollu? Ta' spiss kienu jitkellmu fuq hekk imma s'issa qatt ma sabu l-kuraġġ jażżardaw jirritornaw f'dak l-għar.

**Aħdem il-mistoqsijiet kollha.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.
   a) Din l-avventura saret fl-istaġun
      i) tax-xitwa
      ii) tar-rebbiegħa
      iii) tas-sajf. (2 marki)

   b) It-tlett itfal riedu jesploraw
      i) il-foresta
      ii) ir-raħal tagħhom
      iii) xatt il-baħar. (2 marki)

2. Immarka b'ċirku jekk hux **Veru** jew **Falz**. (6 marki)
   i) It-tfal kienu qed jistennewha ħafna din l-avventura. VERU/FALZ
   ii) Fil-foresta kien hemm dlam kbira u dwejjaq kbar. VERU/FALZ
   iii) It-tfal riedu jsibu post imwarrab li ma jaf bih ħadd. VERU/FALZ

3. Għalfejn taħseb li t-tfal waqfu jistrieħu ħdejn ix-xmara? Agħti ŻEWĠ raġunijiet. (2 marki)

4. X'ġagħalhom jiskopru l-għar misterjuż? (2 marki)

5. Taħseb li għamlu sewwa t-tfal li daħlu fl-għar? Għaliex? (2 marki)

6. Kieku kont int minflok it-tfal, x'kont tagħmel **differenti** meta tara l-pitturi mal-ħajt tal-għar? (2 marki)

7. Ta' min taħseb li kien dak it-teżor? Għaliex taħseb hekk? (2 marki)

8. Taħseb li din l-istorja ġrat veru jew le? X'hemm fis-silta li jwasslek taħseb hekk? (4 marki)

9. Kieku kont l-awtur, kif kont tispiċċa din l-istorja b'mod differenti? Ikteb paragrafu ta' madwar 30 kelma b'għeluq differenti. (6 marki)

**TAQSIMA B: IL-KITBA**
**TAĦRIĠ 1: IL-KITBA TA' RAPPORT** **(10 marki)**

Ikteb rapport ta' bejn **70 u 80 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli.

a) Waqt spezzjoni f'ċella partikulari, innutajt nuqqas ta' indafa u taqlib kbir. Ikteb rapport biex tgħid x'rajt u tissuġġerixxi x'jeħtieġ isir biex din titnaddaf u jkun hemm aktar ordni.

*jew*

b) Fis-sala ewlenija tal-ikel tal-persuni f'detenzjoni, hemm bżonn ta' manutenzjoni ġenerali. Ikteb rapport biex tgħid x'hemm bżonn li jsir.

**TAĦRIĠ 2: IL-KITBA TAL-EMAILS** **(40 marka)**

Ikteb email ta' bejn **180 u 200 kelma** fuq wieħed minn dawn it-titli:

a) Ikteb email lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tiegħek fejn titolbu permess tattendi kors ta' taħriġ marbut max-xogħol tiegħek. Agħti wkoll ir-raġunijiet għaliex tixtieq tattendi dan il-kors.

*jew*

b) Ikteb email lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija biex tinfurmah fuq xi ilmenti li rċevejt mingħand xi persuni f'detenzjoni fuq il-faċilitajiet sanitarji tal-post. Agħti wkoll is-suġġerimenti tiegħek fuq x'jeħtieġ isir.

**Id-dettalji fil-bidu tal-email tiegħek huma inklużi. Imla biss is-suġġett tal-email.**

*Ismek: Mario/Maria Fenech* *indirizz elettroniku: m.fenech@kmail.ask*
*Indirizz tal-Kap Eżekuttiv: kapeżekuttiv.servkor.@kmail.ask*

| | |
|---|---|
| Mingħand: | *m.fenech@kmail.ask* |
| Lil: | *kapeżekuttiv.servkor.@kmail.ask* |
| Data: | 8 ta' Ottubru 2024 |
| Suġġett: | |

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI

**PAĠNA VOJTA**

# PAĠNA VOJTA

**PAĠNA VOJTA**